MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1648/2003

**Paris David**

**Vs**

**Briffa Francis**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm550 (hames mija u hamsin Liri Maltin) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut wara li naqas li jezegwixxi x-xogholijiet kollha ordnati mill-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Danni ikkagunati mill-konvenut u dan peress li l-istess konvenut naqas milli jesegwixxi x-xogholijiet kollha ordnati mill-attur minghand il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ma kkaguna ebda danni lill-konvenut anzi ghall-kuntrarju huwa l-attur li skond sentenza ta' dan it-Tribunal ta' l-10 ta' Marzu 2003 ghandu jaghti lill-konvenut.

Illi l-azzjoni attrici hija ghal kollox frivola u vassatorja intiza li zzom lill-konvenut milli jizbanka dak li huwa ghandu jiehu minghand l-attur s-somma ta' Lm399 minn somma akbar depozitata taht l-Awtorita` tal-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti nkluz l-atti tal-kawza numru 2133/02EG fl-ismijiet inversi.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici huwa tentattiv sabiex l-attur jipprova jiehu huwa ammont ta' flus allegatament prezz ta' xoghol jew li ma sarx jew li ma sarx skond l-arti w s-sengha. Huwa ammont ekwivalenti ghal bilanc li kien ghandhu dovut minn kont precedenti sancit b'sentenza datata 10 ta' Marzu 2003. Dan kif gie rinfaccjata b'mandat ta' qbid.

Illi huwa ormai principju legali li min jallega, jrid jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet. L-ghazla kwantita u kwalita tal-provi huma f' idejn l-attur. Il-konvenut jista jaghzel li ma jressaq l-ebda provi – dik hija decizjoni tieghu.

Illi l-attur irid jipprovdi konvinciment sanat legalment li l-pretensjoni tieghu ghandha tigi akkolta gjudizzjarjament. Fil-kawza odjerna, xehed l-attur u gie kontrabattut mill-konvenut. Ma ngabet l-ebda prova estranea biex l-attur jiggustifika t-talba tieghu. Mhux hekk biss, izda gie esibit a Fol 18 dokument iffirmata mill-attur stess fejn assuma r-responsabbilita u ta' il-kelma tieghu li kien ser ihallas. Mhux hekk talli ma hallsux izda pproceda quddiem dan it-

Tribunal. Ma ngabet l-ebda prova li pproceda gjudizzjarjament biex jottjeni dikjarazzjoni ta’ nullita ta’ tali dikjarazzjoni.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------